# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 12**
**Rikors maħluf numru 156/2010 JZM**

**Joseph Mary Farrell**

***v.***

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju għat-Taxxi**

1. Dan huwa appell tal-attur Joseph Mary Farrell minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar 2012 dwar ġbir ta' provi u appell ukoll mis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Lulju 2012 li ċaħdet talba tal-attur għal dikjarazzjoni li somom mitluba mill-konvenut, Kummissarju għat-Taxxi ["il-Kummissarju"], ma humiex dovuti u biex, konsegwentement, jitħassar titolu esekuttiv miksub mill-Kummissarju taħt l-art. 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["Kap. 406"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'ittra ġudizzjarja tas-17 ta' Novembru 2009 magħmula għall-għanijiet tal-art. 59 tal-Kap. 406 il-Kummissarju sejjaħ lill-attur iħallas sbatax-il elf, mitejn u tmienja u sebgħin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€17,278.43), flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż, taxxa fuq il-valur miżjud. B'ittra ġudizzjarja oħra, ukoll tas-17 ta' Novembru 2009, il-Kummissarju kompla sejjaħ lill-attur iħallas taxxa fuq il-valur miżjud ta' tnejn u tletin elf, mitejn u disgħa u erbgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€32,249.16), flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

3. Billi deherlu li ma kellux jagħti dak mitlub mill-Kummissarju, l-attur irrespinġa l-pretensjoni tal-Kummissarju b'ittra ġudizzjarja tat-8 ta' Jannar 2010 u mbagħad fetaħ il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi s-somom mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-ittri uffiċjali tieghu tas-17 ta` Novembru mhumiex dovuti mir-rikorrent;
>
> »2. tiddikjara għalhekk u per konsegwenza illi l-intimat m'għandux titolu eżekuttiv għall-ammonti minnu reklamati;
>
> »3. konsegwentement ukoll tirrevoka t-titolu eżekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat fil-konfront tar-rikorrent u tqisu bħala wieħed li m'għadux fis-seħħ *ai fini* u effetti tal-liġi;
>
> »4. tiddikjara wkoll illi l-Kummissarju intimat huwa prekluż milli jgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi minnu vvantati kif indikat fiż-żewġ ittri uffiċjali suriferiti datati t-tnejn 17 ta' Novembru 2009 kontra r-rikorrenti u dana pendenti l-eżitu finali u definittiv tal-proċeduri odjerni.«

4. Il-Kummissarju wieġeb illi l-azzjoni tal-attur saret ħażin u ma tiswiex għax kontestazzjoni ta' taxxa pretiża minnu tista' ssir biss quddiem "bord/tribunal speċjali maħtura bil-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta"[1]; ladarba l-attur ma għamilx kontestazzjoni kif trid il-liġi, it-taxxa likwid-ata saret finali u l-attur ma jistax aktar jikkontestaha.

[1] It-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva [Kap. 490].

5. Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2010 quddiem l-ewwel qorti l-attur talab li jressaq xiehda dwar il-"kontabilità" iżda l-Kummissarju oppona għat-talba fid-dawl tal-eċċezzjoni tiegħu li, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni kif trid il-liġi, l-istima tat-taxxa saret finali u ma tistax tiġi kontestata f'din il-kawża; ix-xiehda li jrid iressaq l-attur għalhekk hija irrelevanti.

6. B'dikriet tat-30 ta' Settembru 2010 l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-attur. L-attur appella iżda din il-qorti b'sentenza tal-24 ta' Ġunju 2011 ċaħdet l-appell, ikkonfermat id-dikriet appellat u ordnat illi jitkompla s-smigħ quddiem l-ewwel qorti.

7. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 l-ewwel qorti irrakkomandat li l-partijiet jiltaqgħu fl-10 ta' Novembru 2011 "sabiex ikun hemm kjariment tal-kwistjoni bejniethom". Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011 imbagħad sar dan il-verbal:

> »Dr Montalto [għall-attur] jippreċiża illi sa mill-bidu nett huwa kkontesta t-titolu eżekuttiv illi l-Kummissarju intimat jippretendi illi għandu, u l-inkontru tal-10 ta' Novembru 2011 kkonferma l-fondatezza tal-istanza tar-rikorrent, partikolarment fejn *si tratta* ta' notifiki ta' xi atti.
>
> »Dr Farrugia [għall-Kummissarju] jikkontesta li hekk hija s-sitwazzjoni, fis-sens illi n-notifiki saru kollha fil-post reġistrat tal-intimat, u jekk xi ħadd mhux ben identifikat iffirma għar-rikorrent mingħajr jew bil-awtorizzazzjoni tieghu, dik hija materja li tispetta lilu bhala prova, u li għaliha huwa responsabbli huwa biss.
>
> »Il-qorti trid illi *in vista* tan-natura partikolari tal-kwistjoni li qed tiġi sollevata quddiemha, tisma' provi limitatament u strettament dwar din il-kwistjoni.
>
> »… … …
>
> »Kawża differita għall-provi kollha, limitatament dwar il-kwistjoni sollevata llum, għal nhar il-Ħamis 19 ta' Jannar 2012 … … …«

8. Fid-19 ta' Jannar 2012, meta kellha titressaq ix-xiehda dwar in-notifiki, sar, minflok, dan il-verbal:

»Dr Farrugia għall-intimat jirrileva illi fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2011 din il-qorti kienet ħalliet din il-kawża għall-ġbir tal-provi tal-kontendenti limitatament dwar il-kwistjoni sollevata dakinhar stess mir-rikorrent Joseph Farrell, u *cioè* dwar in-notifiki tal-atti maħruġin mid-Dipartiment tal-*VAT*. Jiġi rilevat illi l-kawżali tar-rikors promotur huma limitati u ċirkoskritti f'kontestazzjoni dwar il-likwidazzjoni tal-ammont pretiż mill-intimat, liema limitazzjoni tal-kawżali hija wkoll konfermata fl-ittra uffiċjali ppreżentata mill-istess rikorrent … … … kif ukoll fil-verbal tal-15 ta' Ġunju 2010, … … … fejn l-istess rikorrent jiddikjara testwalment hekk: "Dr Roberto Montalto jinforma lill-qorti li l-unika prova li għandu f'din il-kawża hija l-prova tal-kontabilità tal-*VAT number* in kwistjoni, u xi dokumenti oħra, u jkun f'posizzjoni li jagħlaq il-provi tiegħu", liema talba biex iressaq dawn il-provi, inkluż id-dokumenti l-oħra, ġiet miċħuda minn din il-qorti permezz ta' sentenza tat-30 ta' Settembru 2010, li għaddiet in ġudikat wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju 2011. B'mod partikolari ssir referenza għas-sentenza ta' din il-qorti kif presjeduta … … … fejn il-qorti qalet testwalment hekk:

> »"Għalkemm ir-rikorrent ma ċċitax id-disposizzjoni tal-liġi li fuqha kien qiegħed isostni l-istanza tiegħu, din il-qorti tifhem li ried jaġixxi skond l-art. 466 tal-Kap. 12."

»Ukoll issir referenza għal dak mistqarr minn din il-qorti … … … mill-istess sentenza fejn jgħid hekk, b'referenza għall-art. 59 tal-Kap. 406:

> »"Minn eżami ta' din id-disposizzjoni jirriżulta bl-aktar mod ċar illi filwaqt li [l-attur] jirrikonoxxi li kontrieh kien ottenut titolu eżekuttiv, il-proċedura tal-lum tentata minnu ma tistax iżżomm l-effetti tal-istess art. 59. Għalhekk kwalsiasi prova li jrid jagħmel ir-rikorrent hija għal kollox inutli u irrilevanti għall-fini tal-operat ta' dik id-disposizzjoni."

»Stabbilit dan, l-intimat huwa tal-umli opinjoni illi l-ġbir ta' provi fuq kwalsiasi fatt anteċedenti għat-titolu eżekuttiv ikkonfermat minn din il-qorti fis-sentenza appena ċitata hija proċeduralment anomala, u dan *stante* illi fis-sentenza ta' din il-qorti ġie kkonfermat illi t-titolu eżekuttiv diġà jeżisti, u wkoll ġie deċiż illi kull prova li jrid iressaq ir-rikorrent hija inutli u rrelevanti. Ukoll din il-qorti diġà ddeċidiet illi l-proċedura ttentata mir-rikorrent hija msejsa fuq l-art. 466 tal-Kap. 12, li m'huwiex invokabbli fi kwistjonijiet li jaqgħu prettament taħt il-Kap. 406, u għalhekk anke permezz ta' dik is-sentenza għandu jiġi stabbilit illi l-proċedura odjerna hija għal kollox irritwali. Għaldaqstant l-intimat jitlob lil din il-qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2011, u li l-kawża titħalla għas-sentenza.

»Dr Roberto Montalto għar-rikorrent jirribatti fis-sens illi permezz tar-rikors ġuramentat li bih giet premessa din il-proċedura, ir-rikorrent qed jitlob id-dikjarazzjoni illi l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud m'humiex dovuti bħala titolu eżekuttiv, u li fi kwalunkwe każ talab ukoll li jġib il-prova li l-ammonti nnifishom ukoll, u mhux biss, kienu in effetti skorretti, u dan għaliex l-istess intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud m'ottemperax ruħu mal-proċedura delineata mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-otteniment ta' dawn iż-żewġ titolu eżekuttivi li qed jiġu attakkati b'din l-istanza. Illi ta' bilħaqq fl-istess verbal tar-rikorrenti meta d-difensur tiegħu ddikjara xi provi kien biħsiebu jressaq in sostenn mat-talbiet

tiegħu, huwa ddikjara illi dawn il-provi kienu jikkonsistu fi provi ta' kontabilità kif ukoll fid-dokumenti kollha relevanti l-oħra, liema dokumenti ovvjament kienu jinkludu l-*file* kollu tar-rikorrenti li jinżamm mill-intimat stess, dokument illi ġie fil-pussess tar-rikorrenti wara li ġie eżaminat minnu, fuq ordni tal-qorti, u dan qabel l-aħħar differiment. Ir-rikorrent jirrileva wkoll illi titolu eżekuttiv ottjenut kif ottjenut jiġi kkonsidrat bħala titolu eżekuttiv validu sakemm ma ssirx il-prova kuntrarja, liema prova fil-każ odjern għalhekk tispetta lir-rikorrenti, ħaġa però illi l-intimat irid jeskludih milli jagħmel. Illi għalhekk ir-rikorrenti ma jara xejn anomalu fil-fatt illi din l-onorabbli qorti diġà ddikjarat illi jeżistu titoli eżekuttivi kontra r-rikorrent għaliex sakemm ma tkunx din l-istess qorti li wara li tisma' u takkolji possibilment it-talbiet tiegħu, illi dawn it-titoli jitilfu l-effett u l-eżistenza tagħhom. Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob sabiex il-qorti tikkonferma l-awtor-izzazzjoni lilu diġà mogħtija sabiex jipproċedi bil-produzzjoni tal-provi relevanti kif indikati fil-verbal tal-udjenza preċedenti.

»Kawża differita sabiex jingħata provediment … … … dwar it-talba li saret illum mill-intimat għal nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012.«

9. Fl-20 ta' Frar 2012 ingħata provvediment – li minnu wkoll qiegħed isir dan l-appell – li bih l-ewwel qorti laqgħet it-talba tal-Kummissarju u ħassret id-dikriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2011 (biex tinġieb xiehda dwar notifiki) wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

»Fis-sentenza tagħha tal-24 ta Ġunju 2011, wara l-appell tar-rikorrent mill-provvediment ta' din il-qorti tat-30 ta' Settembru 2010, il-Qorti tal-Appell qalet hekk *inter alia* –

> »"... f'din il-kawża, ir-rikorrent qed isostni li l-ammonti mitluba mhux dovuti u hu 'għalhekk' li qed jattakka t-titolu eżekuttiv ottenut mill-Kummissarju intimat. Din hi l-istess pretensjoni li r-rikorrenti ressaq fl-ittra uffiċjali responsiva tiegħu tat-8 ta' Jannar 2010 u mkien ma ressaa ilment ieħor. Din il-proċedura f'dan l-istadju m'hiex, però, dik idonea għall-iskop li jrid jilħaq ir-rikorrent."

»Qabel fl-istess sentenza il-Qorti tal-Appell kienet qalet hekk –

> »"Hu magħruf li kawżi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bażi tal-kawżali kif imressqa għal quddiemha mir-rikorrenti, u, jekk talba tkun mitluba a bażi ta' kawżali partikolari, mhux leċitu għall-parti jew għall-qorti li tinvestiga lil hinn minn dik il-kawżali."

»Fl-aħħar, qabel id-*decide*, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

> »"... din il-qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent irid issa jipprova li 'l-ammonti mitluba mill-Kummissariu tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mhumiex in effetti dovuti", l-unika kawżali li fuqha qed jibbaża l-azzjoni tiegħu.

»Meqjus dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2011, din il-qorti tgħid illi hija tassew fondata t-talba tal-intimat kif dedotta skond il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Jannar 2012 għar-raġunijiet segwenti –

»1) Fil-kawżali tar-rikors ġuramentat ma jirriżultax dak allegat mid-difensur tar-rikorrent fil-verbal illi ressaq fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2012 u *cioè* illi 'r-rikorrent qed jitlob id-dikjarazzjoni illi l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud mhumiex dovuti bħaa titolu eżekuttiv'.

»2) It-talba tar-rikorrent 'li jġib il-prova li l-ammonti nfushom ukoll, u mhux biss, kienu in effetti skorretti' (dejjem b'riferenza għall-istess verbal tad-difensur tar-rikorrent fl-istess udjenza) kienet miċħuda bil-provvediment ta' din il-qorti tat-30 ta' Settembru 2010 u konfermat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Ġunju 2011.

»3) Fil-kawżali tar-rikors ġuramentat ma jirriżultax dak allegat mid-difensur tar-rikorrent fil-verbal tal-udjenza fuq riferita illi 'l-istess intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ma ottemperax ruħu mal-proċedura delineata mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-otteniment ta' dawn iż-żewġ titoli eżekuttivi li qed jiġu attakkati b'din l-istanza'.

»4) Dejjem b'riferenza għall-verbal tad-difensur tar-rikorrent fl-istess udjenza, it-talba tar-rikorrent li jressaq 'provi ta' kontabititā kif ukoll id-dokumenti kollha relevanti l-oħra' kienet miċħuda bil-provvediment ta' din il-qorti tat-30 ta' Settembru 2010 u konfermat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Ġunju 2011.

»5) Ma jirriżultax illi r-rikorrent kien prekluż milli jara l-*file* tiegħu fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni [*sic*] qabel l-inkontru li sar fl-10 ta' Novembru 2011.

»6) Mill-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2011 lanqas ma jirriżulta li l-inkontru tal-10 ta' Novembru 2011 fid-Dipartiment tat-Taxxa sar fuq 'ordni tal-qorti' kif erronjament ħaseb jew ikkonkluda r-rikorrent.

»7) Il-pretensjoni tar-rikorrent, *tramite* d-difensur tiegħu, illi 'titolu eżekuttiv ottenut kif ottenut jiġi kkonsidrat bħala titolu eżekuttiv validu sakemm ma ssirx il-prova kuntrarja, liema prova fil-każ odjern għalhekk tispetta lir-rikorrent' ma tinkwadrax ruħha fil-kawżali tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotorju.

»*In vista* tal-premess, din il-qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-intimat kif dedotta fil-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Jannar 2012. Qiegħda għal-hekk tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2011 fejn ippermettiet li jinstemgħu provi limitatament u strettament fit-termini rikjesti mir-rikorrent. Qiegħda konsegwente-ment tiddikjara magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-partijiet abbażi tal-kawżali u t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotorju tal-istanza tal-lum. U qiegħda tħalli l-kawża għat-trattazzjoni finali … … …«

10. B'rikors tal-24 ta' Frar 2012 l-attur talab fakoltà jappella minn dan id-dikriet qabel is-sentenza finali iżda l-qorti b'dikriet tal-25 ta' April 2012 ċaħdet it-talba. Imbagħad bis-sentenza tas-26 ta' Lulju 2012 qatgħet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Jirriżulta illi ż-żewġ ittri uffiċjali tas-17 ta' Novembru 2009 li l-intimat ippreżenta kontra r-rikorrent, u li kienu debitament notifikati lilu skond il-liġi … … … kienu preżentati mill-intimat [waħda] a tenur tal-Att XXIII tal-1998 (Kap. 406) u [l-oħra] a tenur tal-Att XII tal-1994.

»Dan mhux kontestat mir-rikorrent.

»Għalkemm l-Att XII tal-1994 kien revokat bl-Att XXIII tal-1998, il-leġislatur kien daħħal disposizzjoni transitorja fl-art. 85(2) tal-Kap. 406 li bis-saħħa tagħha setgħet tiġi preżentata l-ittra uffiċjali [a tenur tal-Att XII tal-1994].

»Għall-fini tal-ġudizzju tal-lum, id-disposizzjoni rilevanti hija l-art. 59 tal-Att XXIII tal-1998, li taħt l-Att XII tal-1994 kienet l-art. 48. Iż-żewġ disposizzjonijiet għandhom l-istess test.

»L-art. 59 tal-Kap. 406 jaqra hekk –

> »"(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għalhekk jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> »(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-sub-artikolu (1) wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju.
>
> »(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.

»L-ewwel u t-tieni subinċiżi huma rilevanti għall-kwistjoni tal-lum.

»Skond l-ewwel subinċiż tal-art. 59, fil-mument illi joħroġ l-avviż li juri l-ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti mill-persuna konċernata, dak l-avviż ikun jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Minn kliem il-liġi stess, huwa evidenti illi l-prova tal-kontenut tal-avviż hija *juris et de jure.*

»Fir-rikors ġuramentat, ir-rikorrent mhux igħid illi l-intimat qatt ma ħareġ l-avviż li għalih jirreferi l-ewwel subinċiż tal-art. 59.

»Lanqas ma r-rikorrent igħid illi l-intimat ma talbux iħallas l-ammonti dovuti, kif igħid it-tieni subinċiż tal-art. 59, u dan bl-ispedizzjoni ta' nota b'talba għall-ħlas.

»Ir-rikorrent mhuwiex igħid illi ma rċeviex in-nota bit-talba għall-ħlas.

»Ċertament mhux kontestat illi r-rikorrent baqa' ma ħallasx l-ammonti dovuti.

»Għax baqa' inadempjenti, l-intimat ippreżenta ż-żewġ ittri uffiċjali fuq riferiti skond it-tieni subinċiż tal-art. 59.

»Ladarba r-rikorrent kien notifikat biż-żewġ ittri uffiċjali, kif huwa stess jaċċetta, u baqa' inadempjenti fit-terminu ta' jumejn min-notifika tal-atti, iż-żewġ titoli eżekuttivi kienu resi eżegwibbli *ope legis*. Jirriżulta illi ż-żewġ atti kienu notifikati lir-rikorrent fl-20 ta' Novembru 2011.

»Għalhekk din il-qorti tgħid illi ma għandha l-ebda siwi għall-fini tat-twettiq tal-proċedura skond l-art. 59 il-preżentata u notifika tal-ittra uffiċjali tar-rikorrent tat-8 ta' Jannar 2010.

»Daqstant ieħor ma għandhom l-ebda siwi, fl-ambitu tal-istess, la l-azzjoni tar-rikorrent kif dedotta, u wisq anqas il-kawżali tagħha, u *cioè* l-pretensjoni tar-rikorrent illi l-ammonti msemmija fl-atti ġudizzjarji tal-intimati ma kinux dovuti.

»Jekk ir-rikorrent kien tal-fehma illi l-ammonti pretiżi minnu ma kinux dovuti, ma kellux jirreġistra l-oppożizzjoni tiegħu wara li t-titoli eżekuttivi kienu diġà resi eżegwibbli. Il-kawża tal-lum ma tistax isservi lir-rikorrent bħala pretest sabiex jiskansa l-eventwali preżentata ta' mandati eżekuttivi kontrieh.

»Jirriżulta kjarament illi r-rikorrent kien għal kollox inadempjenti fl-istadji kollha tat-twettiq mill-intimat tal-proċedura skond l-art. 59 tal-Kap. 406 u għalhekk it-talbiet tiegħu mhumiex legalment sostenibbli.

»Għar-ragunijiet kollha premessi, din il-qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt illi qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat, qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża jibqgħu a kariku tar-rikorrent.«

11. B'rikors tas-6 ta' Awissu 2012 l-attur appella kemm mid-dikriet tal-20 ta' Frar 2012 u kif ukoll mis-sentenza. Għal dawn l-appelli l-Kummissarju wieġeb fl-24 ta' Awissu 2012.

12. L-attur fisser hekk l-aggravji tiegħu, li jolqtu kemm id-dikriet u kemm is-sentenza:

»Illi l-ewwel qorti applikat fatti skoretti anzi fatti kuntrarji għal dawk li irriżultaw biex waslet għad-deċiżjoni tagħha hawn appellata.

Illi … … … l-ewwel qorti qalet:

> »"Ir-rikorrent mhuwiex igħid illi ma rċeviex in-nota bit-talba għall-ħlas."

»Bir-rispett kollu dan kien żball gravi u manifest tal-ewwel qorti għaliex in effetti kif anki jirriżulta mill-atti ta' dan il-proċess l-esponent kien in effetti qed jagħmel l-oppost u *cioè* kien qiegħed joġġezzjona u jopponi t-titolu eżekuttiv ottenut mill-initmat *inter alia* proprju għaliex huwa (l-esponent) qatt ma kien irċieva n-nota/i bit-talba/iet għall-ħlas!

»Fil-fatt fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2011 il-qorti kienet, wara li akkordat talba appożita magħmula f'dan is-sens mir-rikorrent, ħalliet il-kawża għall-ġbir ta' provi limitatament dwar il-kwisjtoni sollevata dak-inhar stess mir-rikorrent u *cioè* dwar in-notifiki tal-atti maħruġin mid-dipartiment. Din it-talba kienet ġiet imressqa u milqugħa mill-qorti wara li fil-mori tad-differiment preċedenti, fuq ordni tal-istess qorti, il-partijiet kienu żammew inkontru ġewwa l-uffiċju tad-Dipartiment tal-*V.A.T* fejn hemmhekk ġie magħmul aċċessibbli għar-rikorrent il-*file* amministrattiv kollu tiegħu. Kien fid-dawl ta' dak li irriżula f'dan l-inkontru li l-esponent ressaq it-talba sabiex iġib prova ta' nuqqas ta' notifika bl-avvizi għall-ħlas, talba li l-ewwel qorti laqgħet fid-dawl tal-fatt illi tali difett ta' notifika kien jannulla t-titolu eżekuttiv tal-intimat, u *cioè* dak proprju li kien qed jitlob ir-rikorrent bl-azzjoni minnu promossa. Il-kawża tħalliet għalhekk għad-19 ta' Jannar 2012 proprju sabiex il-qorti tisma' dawn il-provi.

»Ġara illi però l-intimat, ben konxju tal-fatt illi issa kien hemm difett fin-notifiki kif kien qed isostni l-esponent, u ben konxju issa li tali difett kien ser ikollu konsegwenzi fuq it-titolu eżekuttiv li sa dak l-istadju huwa kien qed jivvanata, talab għar-raġunijiet indikati fl-istess verbal tad-19 ta' Jannar 2012 sabiex il-qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal- 21 ta' Novembru 2011 li bih kienet ordnat li jitressqu dawk il-provi (li sa dak l-istadju kienu l-uniċi provi li kienu ser jinstemgħu f'din il-kawża!)

»Illi b'digriet tal-20 ta' Frar 2012, l-ewwel qorti għar-raġunijiet hemm indikati laqgħet it-talba tal-intimat, irrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2011 u iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi (allavolja sa dak l-istadju ma kienet għadha tresqet ebda prova!)

»L-esponent talab permess speċjali biex jappella minn tali digriet iżda din it-talba ġiet miċħuda b'digriet tal-25 ta' April 2012.

»Illi għalhekk jidher issa li bl-akbar rispett kienet manifestament skoretta l-ewwel qorti meta qieset u qalet fis-sentenza hawn appellata illi l-esponent mhux qed jikkontesta li huwa rċieva n-noti bit-talba għall-ħlas tal-intimat, għaliex in effetti mill-atti proċesswali jirriżulta li sa minn Novembru 2011 'il quddiem kull ma għamel l-esponent kien proprju illi jisħaq li huwa qatt ma rċieva tali noti ta' avviż ta' ħlas (li huma dawk li jekk mhux kontestati jiġu meqjusa bħala titolu eżekuttiv) u talab li jressaq il-prova ta' dik l-allegazzjoni iżda kienet il-qorti stess li ċaħditlu dik l-opportunità! Għalhekk issa l-esponent qed jara li huwa kontro-sens kbir illi fis-sentenza appellata l-ewwel qorti għaddiet biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat u tiċħad it-talbiet rikorrenti billi tistrieh *inter alia* fuq il-fatt (skorett) li huwa (l-esponent) ma kien[x] qed jikkontesta l-unika fatt li in effetti kien ikkontesta u li kienet proprju l-qorti stess li ma tatux l-opportunità li jagħmel dan!

»Għaldaqstant l-esponent *in vista* tas-suespost jitlob lil din l-onorabbli qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata kif ukoll li jiġi mħassar id-digriet tal-20 ta' Frar 2012 li bih l-ewwel qorti irrevokat id-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2011, u, tenut kont tal-fatt li allura l-ewwel qorti qatt ma investiet fil-mertu tal-vertenza, tordna sabiex l-atti jiġu rimessi quddiem l-ewwel qorti sabiex, wara li jsir il-ġbir tal-provi mitluba mill-esponent fil-21 ta' Novembru 2012, tingħata sentenza fuq il-mertu tal-każ, jew li alternativament, wara li din l-onorabbli qorti

> tittratta mal-każ, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat hawn appellat u, minflok, tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat.«

13. Il-motivazzjoni kemm għad-dikriet tal-20 ta' Frar 2012 u kemm għas-sentenza kienet waħda ta' dritt u mhux ta' fatt, u kien għalhekk illi l-ewwel qorti setgħet taqa' l-kawża bla ma tisma' xiehda. L-attur ikkontesta l-istejjem tat-taxxa mhux minħabba allegazzjoni ta' xi nuqqas proċedurali – bħal nuqqas ta' notifiki – iżda minħabba raġuni ta' sostanza: "peress li l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud m'humiex in effetti dovuti". Kien għalhekk illi l-Kummissarju ressaq l-eċċezzjoni, effettivament, ta' inkompetenza *ratione materiæ*, għax il-kontestazzjoni li għamel l-attur kienet waħda li kellha ssir quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva u mhux quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-qorti mbagħad laqg]et din l-eċċezzjoni.

14. Tassew illi l-attur qiegħed ifittex li jgħid illi l-kontestazzjoni tiegħu kienet ukoll fuq nuqqas ta' notifika, iżda dan ma huwiex minnu. L-attur kien jaf, meta ġie notifikat bl-ittri ġudizzjarji tas-17 ta' Novembru 2009, illi kellu, qabel, jiġi notifikat bl-avviż taħt l-art. 59 tal-Kap. 406, u għalhekk, jekk tassew ma kienx notifikat, kien jagħmel dan in-nuqqas ta' notifika bħala waħda mill-premessi tal-kawża tallum, u mhux biss illi "l-ammonti mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud m'humiex in effetti dovuti". Fil-fatt, iżda, l-attur stess jistqarr illi kien "minn Novembru 2011 'il quddiem [illi] kull ma għamel l-esponent kien proprju illi jisħaq li huwa qatt ma rċieva tali noti ta' avviż ta' ħlas". Fi kliem ieħor, kien wara l-laqgħa fl-uffiċċji tad-dipartiment fl-10 ta'

Novembru 2011 u mhux meta fetaħ il-kawża fit-18 ta' Frar 2010 li l-attur ħareġ bl-argument tan-nuqqas ta' notifika. Din hija ammissjoni ċara illi n-nuqqas ta' notifika ma kinitx waħda mill-premessi tal-kawża tallum, kif wara kollox jidher ċar ukoll mill-kliem tar-rikors maħluf. Għalhekk għamlet sew l-ewwel qorti li ma ħallietx li titressaq xiehda dwar in-nuqqas ta' notifika għax dik ix-xiehda kienet tkun irrelevanti: l-ewwel qorti ma setgħetx, fuq l-atti tal-kawża tallum, tħassar it-titoli eżekuttivi tal-Kummissarju minħabba nuqqas ta' notifika.

15. Għamlet sew ukoll l-ewwel qorti illi laqgħet l-eċċezzjoni ta' in-kompetenza *ratione materiæ*, għalkemm, għall-korrettezza, kellha, bħala konsegwenza ta' hekk, teħles lill-Kummissarju mill-ħarsien tal-ġudizzju u mhux tiċħad it-talbiet tal-attur. Dan qiegħed jingħad ukoll għax din is-sentenza ma għandhiex tiftehem illi l-qorti qiegħda tgħid illi l-attur ma jistax, f'dan l-istadju, jikkontesta t-titoli eżekuttivi minħabba nuqqas ta' notifika, u lanqas ma hija qiegħda tgħid illi jista': qiegħda tgħid biss illi dik il-kwistjoni ma hijiex parti mill-meritu ta' din il-kawża tallum, ma għandhiex tolqot il-motivazzjoni u għalhekk għandha tibqa' mingħajr preġudizzju.

16. Għall-kompletezza il-qorti tgħid ukoll illi, għalkemm qiegħda taqbel mal-ewwel qorti fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-Kummissarju, b'hekk ma għandhiex tiftehem li qiegħda taqbel mal-ewwel qorti meta din qalet "illi l-prova tal-kontenut tal-avviż [magħmul taħt l-art. 59 tal-Kap. 406] hija *juris et de jure*": fil-fatt l-art. 59 igħid ċar illi l-avviż "għandu jkun

xiehda biżżejjed, *kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja*, li l-ammont ikun dovut". Dan ma jibdilx il-konkużjoni fil-meritu.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma kemm id-dikriet tal-20 ta' Frar 2012 u kif ukoll – bil-preċiżazzjonijiet magħmula fiż-żewġ paragrafi ta' qabel dan – is-sentenza appellata.

18. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df